FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI
MAGISTRAT DR JACQUELINE PADOVANI LL.D. LL.M. (IMLI)
SEDUTA TA' NHAR ID-9 TA' LULJU 2002

PULIZIJA
SPETTUR IAN J ABDILLA
VS
MARY ANNE KELLY

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputata Mary anne Kelly ta' 46 sena, bint il-mejjet Patrick James u l-mejta Maria Dolores nee Sciberras imwieled l-Mosta fit-12 ta' Novembru 1954 u li toqghod f'no.378, Main Street, Mosta detentur tal-karta tal-identita numru 826954M talli fis-26 ta' Marzu 2002 u fix-xhur ta' qabel f'dawn il-gzejjer, b'diversi azzjonijiet maghmulin minnha fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda.
Iffalsifikat cedula, polza, ordni jew dokumenti ohra, u cioe tminn cekkijiet tal-Bank of Valletta, illi meta jigu presentati wiehed jista jircievi bihom hlas, jew jiehu l-kunsinna ta' oggetti, jew jigbor depositu jew rahan minn ufficcju publiku, jew minn bank jew stabbiliment pubbliku iehor imwaqqaf jew maghruf b'xi att pubbliku tal-Gvern, u aktar talli xjentement ghamlet uzu minnhom, u dan bi ksur tal-artikoli 167 u 169 tal-kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Talli fl-istess zmien u lok, hamlet falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-isktirttura jew fil-firem, u cioe tmien cekkijiet tal-Bank of Valletta, billi holoq pattijiet, disposizzjonijiet, jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhlet dawn il-pattijiet, disposizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f'dawk l-atti

jew skritturi wara li jkunu gew iffirmati, inkella billi ziedet jew biddlet klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawn l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw, u talli xjentement ghamlu uzu mill-istess att, kitba jew skrittura falza, u dan bi  ksur tal-artikoli 183 u 184 tal-kap 9 tal-ligijiet ta' Malta.

Talli fl-istess zmien u lok, b'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamlet uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqdiet b'qerq iehor, ingann, jew billi wriet haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-esistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha  fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika, ghamlet qliegh b'qerq ta' aktar minn Lm1,000 ghad-dannu ta' Anthony Sammut, u persuni ohra u dan bi ksur ta' l-artikoli 308, 309, 310 tal-kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz;

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali u tal-imputata sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Rat il-verbal tad-9 ta' Lulju 2002 fejn l-imputata ammettiet ghall-akkuzi kif dedotti fil-konfront taghha.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:-

Illi fuq l-istess ammissjoni taghha il-Qorti ssib lill-imputata hatja skond l-akkuza u wara li rat Art 167, 169, 183, 184, 308, 309, 310, 28A u 28H tal-kap 9, tikkundanna lill-imputat ghal sena prigunerija sospiza ghal tlett snin u ai termini ta' Art 28H l-imputata ghandha thallas Lm200 fix-xahar

lill-kwerelant ghal perjodu ta' tlett snin li Lm100 minnhom huma arretrati.

MAGISTRAT

MARICA CARUANA
DEP.REG.